MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 706/2004/1

**Rita Laferla u Emily Scicluna f'isimha proprja u f'isem ohtha Maria Dolores de la Fuente**

**vs**

**Mathew Spiteri u Damien Spiteri**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Lulju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti;
>
> Rat l-avviz pprezentat mill-atturi nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2004, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Qorti, tizgombra lill-konvenuti mill-*flat* numru tnejn (2), li jinsab f'Nelson Flats, 44, Sir Adrian Dingli Square, Sliema, liema fond huwa

okkupat minnhom minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghal finijiet ta' kompetenza, gie dikjarat li l-valur lokatizzju ta' dan il-fond ma jeccedix is-sittin lira Maltin (LM60) fis-sena.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri nterpellatorji datati erbatax (14) ta' Lulju 2004 kontra l-konvenuti li huma 'ngunti 'n subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Matthew Spiteri fejn eccepiixa s-segwenti:-

1. Illi l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom u jridu jippruvaw ghaliex u b'liema awtorita, Emily Scicluna qed tidher ghal Maria Dolores de la Fuente. Jinghad illi t-talba maghmula hija skoretta stante li l-fond mikri qieghed fi Piazza Sir Adrian Dingli u mhux fi Triq Adrian Dingli.
2. Illi l-eccipjenti Matthew Spiteri minn dejjem ghex fil-fond de quo, fil-fond *flat* numru tnejn (2), 'Nelson Flats', 44, Sir Adrian Dingli, Square, Sliema. Hu ilu jghix hemmhekk hajtu kollha, l-ewwel kien ighix man-nanniet tieghu, mietu u hu baqa' jghix hemm ma huh Damien. Damien izzewweg u telaq pero l-eccipjent ghadu jghix fil-fond de quo b'titolu ta' kera sa illum.
3. Illi l-eccipjent Matthew Spiteri ma jghix fil-fond *flat* numru sitta (6), 'Nelson Flats', Sir Adrian Dingli Square, Sliema, fejn gie ndirizzat l-avviz - f'dan il-flat tghix omm l-eccipjent li qaltlu li kien ircieva posta registrata f'dak l-indirizz.
4. Illi b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispjjes kontra l-atturi.

Rat in-nota ta' eccezjonijiet tal-konvenut Damien Spiteri fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom u jridu jipprovaw ghaliex u b'liema awtorita Emily Scicluna qed tidher ghal Maria Dolores de la

Fuente. Jinghad illi talba kif maghmula hija skoretta stante li l-fond mikri qieghed fi Pjazza Sir Adrian Dingli u mhux fi Triq Adrian Dingli.

2. Illi hu cioe Damien Spiteri ilu zmien li telaq mill-fond de quo u l-atturi ilhom zmien jafu li dan m'ghadux ighix fil-fond de quo – referenza ssir ghall-ittra datata tlieta (3) t'Awissu 2004 mibghuta lill-avukat ta' l-atturi.

3. Illi ghalhekk l-atturi ghandhom ibatu l-ispejjez tal-konvenut eccipjent stante li hu gie mharrek hazin.

4. Illi l-eccipjent jghix fil-fond 175, 'Sacre Coeur', Fleur de Lys Road, Fleur de Lys, BKR 08 flimkien ma martu Amaris nee Falzon. Ħuħ Matthew intant minn dejjem ghex fil-fond *flat* numru tnejn (2), 'Nelson Flats', 44 Sir Adrian Dingli Square, Sliema u llum qed jokkupa dan il-fond b'titolu ta' kera u dan stante li minn dejjem ghex man-nanniet tieghu li kienu nkwilini f'dan il-fond.

5. Illi b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat il-verbal tal-hdax (11) ta' Marzu 2005 kif inserit fl-atti a fol. 11 fejn l-atturi talbu korrezzjoni fl-avviz fis-sens li l-kelma '*street*' fl-indirizz tal-fond de quo, tigi mibdula fil-kelma '*square*'.

Rat id-digriet taghha ta' l-istess jum fejn din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba attrici w ordnat li issir il-korrezzjoni, filwaqt li l-konvenuti seduta stante taw ruhhom notifikati b'tali korrezzjoni.

Rat illi nhar il-hdax (11) ta' Mejju 2005 xehdet **Faye Spiteri** u stqarret li hija tigi omm l-konvenuti. Ikkonfermat li hija tghix fl-appartament numru sitta (6) f'Dingli Street, Sliema filwaqt li wliedha, z-zewg konvenuti, jghixu fl-istess blokk t'appartamenti, izda fi *flat* numru tnejn (2). Qalet li l-genituri taghha, Joseph u Isabelle Grixti, kienu ilhom jghixu f'dan l-apppartament sa mins-sena 1938. Ikkonfermat li hija kienet tghix mal-genituri

sakemm izzewget. Wara li zzewget marret tghix Santa Venera, w imbaghad, Depiro Street, Sliema sakemm fl-ahhar hadet l-appartament numru sitta (6) b'titolu ta' kera minghand is-Sur Scicluna, li jigi z-ziju tal-atturi.

Ikkonfermat li waqt li kienet tghix fil-*flat* numru sitta (6), iz-zwieg taghha tfarrak u kellha tohrog ghax-xoghol sabiex tghin lil uliedha. Minhabba f'hekk, uliedha, li dak iz-zmien kienu zghar, marru jghixu man-nanniet fi *flat* numru tnejn (2) flimkien ma ħuhom l-iehor, Steve. Qalet li hadmet ghal perjodu ta' tmintax-il sena gewwa il-Kullegg ta' St. Edwards, imbaghad hames snin ohra fil-Kunvent ta' Sacred Heart, oltre li kienet taghti privatijiet id-dar. Minhabba l-fatt li kellha hafna xoghol, uliedha trabbew minn nanniet li kienu jiehdu hsiebhom huma. Tikkonferma li l-genituri taghha mietu fis-snin 1989 u 1990. Qalet li wliedha baqghu jghixu hemm, izda Damien, illum izzewweg u mar ighix Fleur de Lys. Qalet li ghalhekk, fil-*flat* numru tnejn (2) illum hemm biss Matthew ighix.

Stqarret li ommha kienet f'qiegh ta' sodda ghal tlett snin shah qabel ma mietet u kienu jiehdu hsiebha hija u wliedha. Qalet li wliedha kienu jircievu l-posta fil-*flat* numru tnejn (2) u kienu jhalsu l-kera b'mod regolari, anke wara l-mewt tal-genituri taghha. Kienu jhalsu l-kera lil Dr. Zammit u dan kien ighaddiha lis-sidien. Kienu jghamlu hekk ghaliex minn meta mietu n-nanniet, is-sidien m'accetawx aktar il-kera minghandhom ghal flat numru tnejn (2).

In kontr'ezami tghid li kienet tahdem *part time* wara nofsinhar, izda anke il-Hadd fil-ghodu, ghaliex kienet taghti lezzjonijiet lil *borders*. Qalet li pero l-privatijiet li kienet taghti, kienu jibqghu ghaddejjin sad-disgha u nofs ta' filghaxija. Qalet li hija ghandha c-certifikati tal-LRSM u LTC u ghadha taghti lezzjonijiet tal-pjanu sa llum. Qalet li binha kienu jorqod maghha fil-*flat* numru sitta (6)

meta hija kienet tkun ma tiflahx, f'liema eventwalita kien jorqod maghha wiehed minnhom biss.

Nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2007 regghet xehdet u kkonfermat li kienet tiehu hsieb ommha meta kienet *bed ridden*, pero aktar kienu jkunu wliedha l-konvenuti li jaghmlu maghha u jaraw ghall-bzonnijiet taghha. Tghid li kellha wkoll seftura li kienet tiehu hsieb, billi kienet tmur darba fil-gimgha tahsel l-art u taghmel dak li jkun hemm bzonn.

Dwar uliedha tghid li Damien ghamel l-O levels, l-A levels u segwa kors l-Universita ta' Malta u sahansitra anke l-Ph.D ghandu. Tghid wkoll li kien jahdem hinijiet normali meta kien ighix mal-ġenituri taghha w ghalhekk kien jaghti daqqa t'id meta ma kienx ikun xoghol, filwaqt li Matthew ma jahdimx u kien ikun hu li jiehu hsieb ommha w ghalhekk kien ic-*chief carer* taghha. Qalet li wliedha kienu jircievu l-posta fi *flat* numru tnejn (2) ghax hemm kienu jghixu. Qalet li l-ġenituri taghha ghenuha hafna fit-trobbija t'uliedha. Qalet li zewgha telaqha meta Mathew kellu erbgha snin, Damien sentejn u Steve kellu disa' snin w ghalhekk kienet tahdem hafna biex trabbihom.

**Dr. Amaris Spiteri** xehed fl-istess jum tal-hdax (11) ta' Mejju 2008 w ikkonfermat li hija tigi mart il-konvenut Damien Spiteri, w ilha mizzewga lilu ghal erba' xhur u nofs, ghalkemm kienet ilha tafu ghal perjodu ta' erba' snin u nofs. Taf li meta saret tafu, huwa kien ighix f'appartament gewwa Dingli Circus f'*ground floor flat* li jgib in-numru tnejn (2). Tghid li gewwa dan il-*flat* huwa kien izomm hwejjgu kollha personali. Ikkonfermat li ħuħ kien ighix mieghu u gieli meta kienet tmur hemm, kienet issib lil ommu. Ikkonfermat li meta zzewgu, Damien telaq minn dan il-*flat* u flimkien marru jghixu fid-dar konjugali taghhom. Fil-fatt baqa' jghix ħuħ Mathew, li ma jahdimx. Ikkonfermat

wkoll li omm il-konvenuti pero, tghix fuq fil-*flat* numru sitta (6) u fil-fatt anke l-kamra tas-sodda taghha, ghandha hemm.

**Dr. Cecil Paris** xehed w ikkonferma li kien ilu jaf it-tfal minn mindu kienu ghadhom zghar, u dan ghaliex huwa kien it-tabib kuranti tal-familja. Qal li l-aktar li kien jinvista kien lin-nanniet, u meta kien imur hemm, gieli ra l-konvenuti li kienu ghadhom tfal zghar, hemmhekk. Jghid pero li dam jara lin-nanniet sakemm kibru u waslu biex mietu meta l-konvenuti mbaghad ma baqghux zghar u kien jarhom fil-*flat* numru tnejn (2) ukoll f'dawk iz-zminijiet. L-impressjoni tieghu pero kienet li kienu jghixu fil-*flat* ta' fuq, ma ommhom. Ikkonferma li n-nanniet kellhom bzonn l-ghajnuna w anke meta kien jinvisthom bil-lejl, lill-konvenuti kien jarhom hemm. Ikkonkluda u qal li lill-konvenuti dejjem kien jarhom fi *flat* numru tnejn (2).

Dwar l-omm, in kontr'ezami jghid, li l-omm kienet tkun man-nanniet meta kien imur jinvisthom.

**Fr. Mario Enriquez** xehed nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Gunju 2005 fejn qal li jaf lill-konvenuti sa mit-twelid taghhom, ghaliex kien hu li wellidhom w in effetti hu midhla hafna tal-familja taghhom. Qal li lill-konvenuti dejjem jafhom ighixu fl-appartament fi *ground floor level* man-nanniet materni taghhom. Qal li ommhom kellha r-residenza taghha fuq, izda kienet tghaddi hafna hin isfel m'uliedha u mal-genituri taghha. Qal li ommhom kienet tghix mar-ragel taghha fuq.

Qal li in-nannu kellu xi *hobbies* u hu kien imur jghaddi il-hin mieghu u l-konvenuti kienu jkunu joqghodu jharsu lejh. Qal li sahansitra anke lezzjonijiet tal-pjanu kien jiehu ghand omm l-konvenuti sas-sena 1975 u possibilment sas-sena 1979 u sa dak iz-zmien, zgur li jiftakar lill-konvenuti jghixu isfel. Kull darba li mar wara, u

cioe b'mod sporadiku, lill-konvenuti dejjem sabhom isfel.

In kontr'ezami jghid li l-lezzjonijiet tal-pjanu kien johodhom fuq u fil-fatt ighid li ma jiftakarx li qatt ra lill-konvenuti fil-*flat* ta' fuq. Jghid li pero omm il-konvenuti kellha *grand piano* isfel u gieli tat lezzjonijiet isfel lill-istudenti li kienu aktar avvanzati. Jghid li fis-sular t'isfel, kien jara dejjem lill-konvenuti man-nanniet. Ikkonferma li l-granet tal-lezzjonijiet ma kienux ikunu l-istess, izda generalment filghodu w anke is-Sibtijiet u l-konvenuti kienu jkunu dejjem hemm.

**Damien Spiteri** l-konvenut, stqarr li huwa ilu jghix hajtu kollha ma ħuħ l-konvenut l-iehor Matthew, fi *flat* numru tnejn (2) sakemm telaq minn din ir-residenza f'Dicembru 2003, meta zzewweg. Jghid li ħuħ baqa' jghix hemmhekk sa llum. Jghid li bhala tifel, kien ighix man-nanniet materni tieghu Joseph Grixti u martu. Ommu kellha *flat* iehor fl-istess blokk fejn effettivament kienet taghti l-lezzjonijiet tal-pjanu w huma fil-fatt kienu jmorru hemm sabiex jitghallmu l-pjanu biss. Qal li hwejjgu, it-*toys*, l-uniformijiet ta' l-iskola, il-kotba ta' l-iskola u kull ma kellu bzonn, kienu jkunu fi *flat* numru tnejn (2). Jghid li anke meta kiber u mar l-Universita, l-*computer* u l-kotba hemm kienu, ghaliex huwa hemmhekk kien ighix. Jghid li sahansitra kienet tkun nantu li takkompanjah u tigbru minn fuq l-i*stage* tal-*bus* meta kien ghadu tifel.

Jghid li peress li ommu kienet tahdem, il-*carers* principali tieghu kienu in-nanniet u meta xjiehu, efetivament kien ħuħ li ha hsiebhom, ghaliex ma jahdimx. Jghid li meta kien ikun id-dar flimkien ma ħuħ, kien ighati l-kontribut tieghu u meta dan ma kienx bizzejjed, kienet tinżel ommhom tghinhom.

Jghid li l-kera kienet tithallas lil sid il-*flat* Joseph Scicluna sas-sena 1988 u wara kienu jhalsu l-kera tal-*flats* numru tnejn (2) u numru sitta (6) go envelopp wiehed u jghadduh lil Aldo Laferla. Mis-sena 1999, is-sidien il-godda tal-*flat* bdew jirrifjutaw li jaccettaw il-kera u din bdiet tigi depositata l-Qorti.

Jghid li jiftakar li darba minnhom kien iltaqa' ma Aldo Laferla u kien qallu li kien lest jasal ghal xi transazzjoni, izda dan kien qallu li ma setghax jasal, ghaliex il-*flats* ma kienux maqsuma. Huwa esebixxa numru ta' dokumenti u cioe *returns* tat-taxxa ghal numru ta' snin, ricevuti li jintbaghtulu kull sena mid-Dipartiment tax-Taxxi, ricevuti tal-kera tal-*flat* numru tnejn (2) mis-sena 1949 sas-sena 1999, kopja tac-cedoli tal-kera li giet depositata l-Qorti, kopja tal-formoli tat-Taxxa li kienu ntbaghtu lil Mathew Spiteri b'effett mis-sena 1984, estratt mir-Registru Elettorali sa mis-sena 1984 sas-sena 2005. Jghid li minn dawn id-dokumenti jirrizulta li kemm hu, kif ukoll ħuħ kienu registrati fil-*flat* numru tnejn (2). Jghid wkoll li bejn s-sena 1984 sas-sena 1992, huwa kien registrat li joqghod fi *flat* iehor mhux dak in desamina, u cioe fi *flat* numru sitta (6) ghaliex ma kienx jaf li kellu jikteb l-indirizz bl-ezatt fuq l-karta ta' identita tieghu. Pero jghid li ħuħ minn dejjem kien registrat fuq *flat* numru tnejn (2).

Esebixxa wkoll ittra mibghuta lilu mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni datata sebgha (7) ta' Novembru 2001, minn fejn jirrizulta li kien ighix fil-*flat* numru tnejn (2) (Vide fol. 33).

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar 2008, ix-xhud jikkonferma li n-nannu kien miet fis-sena 1989 u n-nanna fis-sena 1999. Ikkonferma wkoll li l-ittra legali li giet mibghuta lilu, kien irceviha ftit wara li kienet mietet nanntu. Jispjega li meta kien qal li staqsa lil Aldo Laferla biex jittransigu, ried ifisser li

xtaq jixri l-*flat*, izda kien qallu li l-*flats* ma kienux divizi w ghalhekk ma setghax isir il-biegh tieghu.

**Matthew Spiteri** xehed nhar id-disgha (9) ta’ Novembru 2005 w ikkonferma d-deposizzjoni li kien ta ħuħ u dan ghaliex huwa kien prezenti waqt din id-deposizzjoni, semghha u qabel mal-kontenut taghha.

Nhar l-erbgha (4) ta’ Frar 2008 ix-xhud rega’ xehed u rega’ kkonferma li ilu jghix fi *flat* numru tnejn (2) minn mindu twieled. Mistoqsi min isajjarlu jghid li jsajjar hu, jew jiekol barra jew ommu taghtih x’jiekol. Jghid li huwa qatt ma hadem, salv meta kien student haddiem. Ikkonferma li l-karta tal-identita tieghu ilha minn dejjem fuq il-*flat* numru tnejn (2) ghaliex hemmhekk kien ighix. Qal li fil-*flat* numru sitta (6) kien imur ghal xi lezzjoni biss u biex forsi jzur lill-ommu.

Mistoqsi jekk meta mietu n-nanniet tieghu, kienx informa lis-sidien jghid li le, ma kien ghamel xejn minn dan. Izda jghid li kienu jafu, ghaliex gimghatejn wara li mietu n-nanniet, u cioe fis-sitta w ghoxrin (26) t’Ottubru 1999 (Dok. X 2 fol 122) ircevew ittra legali minghand is-sidien biex ommhom tirritorna c-cwievet tal-*flat* lill-atturi.

Jispjega li l-*flat* ghandu zewgt ikmamar tas-sodda u meta kien haj in-nannu, kien jorqod mieghu hu u ħuħ man-nanna, ghaliex in-nanniet tieghu ma kienux jorqdu flimkien. Qal li huwa ħuħ li jhallaslu l-kera. Ikkonferma li nanntu kienet *bed ridden* ghall-ahhar tlett snin ta’ hajjitha. Jghid li skola mar San Alwigi w anke *sixth form* ghamel. Mistoqsi dwar il-plakka ta’ mal-bieb, jghid li verament ommu kienet taghti lezzjonijiet tal-pjanu pero l-plakka kienet hemm sa zmien qabel meta kienet ghadha tghix hemm mal-genituri taghha. Fil-fatt ighid li kien nannuh li ghamilha ghal habta tas-sena 1956, u halliha hemm sabiex isservi ta’

reklam. Jghid li pjanijiet kellha tnejn, wiehed fil-*flat* numru tnejn (2) u l-iehor fi *flat* numru sitta (6).

**Aldo Laferla** xehed fit-tmintax (18) t'Ottubru 2006 fejn qal li huwa mizzewweg lill-attrici Rita Laferla. Jghid li mis-snin tmenin, huwa kien inkarigat li jaccedi fil-*flat* in kwistjoni sabiex jigbor il-kera u jaf li dan il-*flat* numru tnejn (2) kien mikri lil certa Mrs Grixti. Jghid lil bintha Faye kien jafha sewwa, ghalkemm stqarr li din kienet tghix fis-sular ta' fuq. Jghid illi l-kera taz-zewg *flats* numru tnejn (2) u numru sitta (6) kien jigborha minghand Faye Spiteri filwaqt li din kienet tkun ghand ommha fil-*flat* ta' isfel. Jghid li fil-*flat* ta' isfel Faye Spiteri kienet taghti hafna lezzjonijiet tal-pjanu u gieli ghalhekk kien isib hafna tfal hemmhekk. Qal li b'kollox kien mar xi ghoxrin darba jigbor il-kera. Jghid pero li t-tfal ta' Faye Spiteri ma kienx jafhom w ghalhekk ma jistax ighid jekk kienux ikunu hemm ukoll. Dwar l-arrangjamenti tad-djar ta' Mrs Spiteri u ta' Mrs Grixti, jghid li ma jaf xejn. Qal li anke fil-*flat* numru tnejn (2) kienet taghti l-lezzjonijiet. Huwa esebixxa ritratt bi plakka li tindika li fil-*flat* numru tnejn (2) kienu jinghataw lezzjonijiet tal-pjanu. Jghid wkoll li l-plakka kienet ilha hemm zmien twil.

In kontr'ezami jghid li minn meta mietet is-Sinjura Grixti, huwa ma marx jigbor il-kera taghha aktar, kien imur jigbor ta' Mrs Spiteri fi *flat* numru tnejn (2).

**Albert Laferla** xehed nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Mejju 2007 fejn qal li l-attrici Rita Laferla hija ommu. Mistoqsi jekk jafx lill-konvenuti, jghid li jafhom di vista. Jghid li l-blokk 'Nelson Flats' mikrija lil terzi, jappartjeni lil ommu Rita Laferla u lill-ohtha Emily Scicluna. Jikkonferma li l-flat numru tnejn (2) kien gie mikri originarjament lin-nanniet tal-konvenuti. Fil-*flat* numru sitta (6) jghixu l-konvenuti w ommhom Faye Spiteri.

Jghid li l-*flat* numru tlieta (3) jappartjeni lilu u jmiss mal-flat numru tnejn (2) u jinsabu fil-pjan terren. Jghid wkoll li huwa beda jghix hemm fl-ahhar tas-sena 1991 u kien juzah bhala ufficcju. Jghid li krieh lil Christopher Simpson xi tliet snin ilu u li kien iqatta' hinijiet twal f'dan l-ufficcju.

Jghid li hadd ma kien ighix mal-koppja Grixti, izda meta miet in-nannu, kien gieli jara lil Faye Spiteri, omm il-konvenuti, tinzel titma lill-ommha.

In kontr'ezami nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2007 ix-xhud ighid li kien ilu ma jidhol fi *flat* numru tnejn (2) sa minn meta kienet ghadha hajja n-nanna tal-konvenuti.

**Christopher Simpson** xehed fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Mejju 2007 w ikkonferma li kien kera il-*flat* numru (3), tlett snin ilu. Mistoqsi jekk jafx min hu Matthew Spiteri, jghid li jafu u jarah tiela w niezel it-tarag u jekk mhux sejjer zball, ighix fi *flat* numru sitta (6). Ghalkemm ma jistax jikkonferma dan ghaliex il-*flat* tieghu hu pjan terren u dak bin-numru tnejn (2) huwa skola tal-musika u gieli n-nies ihabbtu l-bieb tieghu meta ma jkun hemm hadd fil-*flat* bin-numru tnejn (2). Mistoqsi jafx lil Damien Spiteri, jghid li ma jafux u li fil-*flat* ma jarahx. Qal li lill-konvenut Matthew Spiteri qatt ma rah diehel fil-*flat* numru tnejn (2); dejjem lil ommu jara.

**Joseph Caruana,** rapprezentant tal-Water Services Corporation xehed nhar is-sittax (16) t'Ottubru 2007 fejn ikkonferma li l-*flat* numru tnejn (2), 'Nelson Flats' huwa registrat mal-Korporazzjoni fuq isem Joseph Grixti. Irregistrati ghas-sussidju mieghu, hemm mill-ewwel (1) ta' Mejju 1996, Matthew Spiteri bil-karta tal-identita numru 565765M. Qal li kien hemm xi nies ohra li kienu registrati fuqu, izda itterminaw is-sussidju f'Novembru 2002 u dan qed jinghad b'referenza ghal Damien Spiteri li ttermina, u Isabel Emily

Grixti, li tterminaw is-sussidju f'Ottubru 1999, kif indikat fid-Dok. CSH esebit minnu.

Qal li l-*flat* numru sitta (6) fl-istess blokk huwa registrat f'isem Faye Spiteri u ghas-sussidju maghha, kien hemm Irene. Din ilha tiehu s-sussidju sa minn l-ewwel (1) ta' Mejju 1996, kif jirrizulta mid-dokument li esebixxa u li gie mmarkat bhala Dok. CSH 3.

Ikkonferma wkoll li z-zewg fondi ghandhom il-konsum u qari regolari.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta li l-attur kien akkwista fond t'abitazzjoni minghand xi familjari tieghu b'certu Anthony Vella bhala inkwilin. Gara li wara xi zmien, dan Anthony Vella miet u baqghu jghixu fil-post, l-konkubina tieghu l-konvenuta Marie Dolores Schifo u binha Massimo, u dan minghajr ma jhalslu ebda kera lill-attur.

Illi 'n linea preliminari, l-konvenuti qed jecepixxu l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan stante illi hemm lokazzjoni, liema lokazzjoni hija wahda protetta.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Mary Anderson et vs Guza Jones et** deciza nhar s-sebgha (7) ta' Dicembru 2005, fejn ghamlet referenza ghal sentenza ohra taghha fl-ismijiet **Camelina Camilleri et v Paul Mifsud et pro et noe** fejn irreteniet li:-

*"Saru komunissimi l-kawzi li jimpustaw fuq il-kawzali 'bla titolu', talbiet ghar-ripreza ta' pussess ta' fond jew zgumbrament. Pero, kif intqal f'diversi okkazzjonijiet minn din il-Qorti – bla titolu – guridikament timporta okkupazzjoni li tkun saret minghajr kunsens, abbusivament bi vjolenza,*

*b’arbitriju jew klandestinament, liema llegalita’ pperdurat sal-mument li tkun giet proposta l-kawza. ‘Bla titolu’ ma tfissirx – bhala kawzali- xi kwalita ta’ titolu li seta’ kien hemm, imma issa, wahda mill-partijiet tirritjeni li m’ghadux jissusisti, w ghalhekk, ikun hemm bzonn dikjarazzjoni gudizzjarja, li t-titolu li kien hemm, spicca, jew b’xi mod iehor m’ghadux validu, minhabba ragunijiet ta’ zmien, morozita, non osservanza tal-kundizzjonijiet tat-titolu u simili. Anke il-prekarju huwa t-titolu – artikoli 1839 – 1841 tal-Kap. 16, proprju ghaliex l-okkupazzjoni nizjali, tkun legittima, ghaliex bil-kunsens, xorta wahda dik is-sitwazzjoni ma tista tigi deskritta bhala ‘bla titolu’ – dejjem fil-perpespettiva guridika li nholqot minhabba l-ligijiet specjali li wara l-1919 inholqu biex biddlu sensibbilment ir-regoli tradizzjonali tal-kuntratti ta’ lokazzjoni, komodat u ohrajn – li jolqtu l-uzu tal-fondi mmobiljari.”*

Dik il-Qorti kompliet tghid li:-

*“Ghalhekk, meta quddiem xi Qorti – kemm inferjuri kif ukoll superjuri, ma’ l-ewwel provi jirrisulta ‘prima faccie’ fis-sens hawn fuq imsemmi, il-kawzali ta’ ‘bla titiolu’ ma jkollhiex ir-rekwiziti hawn qabel imsemmija, dik il-Qorti, fuq dik il-kawzali ma jkollhiex aktar kompetenza biex tkompli bil-kawza li t-talba taghha tkun ghar-ripreza tal-pussess tal-fond u ghas-setgha ta’ zgumbrament u dan minhabba l-ligijiet specjali li jezistu, kif ukoll ghaliex dik il-kawzali wahedha hija limitattiva ghall-azzjoni. Iz-zewg triqat kienu possibli ghall-Qorti ta’ l-ewwel grad, kif anke gie ritenut minn din il-Qorti, f’sentenza ricenti – tnejn (2) t’Awissu 1994, fl-ismijiet* ***Lawrence Grima et vs Emanuel Frendo.”***

Dan l-insenjament rega’ gie segwit mill-istess Qorti fis-sentenza taghha tal-hamsa (5) t’Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata vs Joseph N. Tabone noe** w

ikkonfermat bis-sentenza tat-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Pace et vs Salvatore Attard**.

In oltre, dan gie anke ribadit mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuel A. Bonello noe vs Francis Fenech** li bbazat id-decisjoni taghha fuq l-imsemmi insejament w irriteniet hekk:-

*"Illi tajjeb jifhem ukoll x'ikun qieghed ifisser meta attur jixli lill-imharrek li qieghed izomm jew jokkupa post bla titolu. Din il-frazi tfisser li l-parti mharka sa mill-bidu ma kellhiex jedd tutelabbli ghall-post minnha mizmum. Il-frazi 'bla titolu' ghandha titqies li legalment iggib maghha ghamla ta' okkupazzjoni li, sa mill bidu nett taghha, ma kienitx konsentita, jew ghaliex tkun wettqet minghajr ir-rieda ta' sid il-post li jkun, jew ghaliex tkun ittiehdet b'mod abbusiv jew bi vjolenza jew arbitrarjament, jew bil-mohbi ts-sid, liema llegalita' tkun issoktat sal-waqt li tinbeda l-kawza. F'kaz bhal dan, is-setgha tal-Qorti biex tisma kawza bhal dan tieqaf malli jirrisulta li l-imharrek kellu tassew xi titolu."*

Fid-definizzjoni provduta fil-ligi:

'*Kerrej', fil-kaz tad-dar ta' abitazzjoni, meta ma ihallix warajh armla jew armel, tinkludi 'dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu fiz-zmien tal-mewt tieghu.'*

Huwa ovvju minn din it-tifsira li l-ligi tirrikjedi zewg rekwiziti konkorrenti biex persuna titlob b'success il-protezzjoni tal-Kap 69, cioe li wiehed ikun membru tal-familja tal-inkwilin u li jkun jabita mieghu meta jmut. (Vide App. Inf. 178/00 **Dr. Charles Galea noe vs Franca Pia Di** deciz nhar is-sbatax (17) ta' Marzu 2003).

Indubbjament l-konvenuti jissodisfaw l-ewwel rekwizit billi huma in-neputijiet tal-inkwilina. In-'nodum juris' hu jekk tissodisfax ir-rekwizit tal-koabitazzjoni. L-ispiritu tal-legislatur hu tali li jipprotegi l-inkwilin u b'jekk tithalla l-okkupazzjoni tal-fond.

Huwa nduskuss li bniedem jista jkollu aktar minn residenza wahda fl-istess zmien, kif hekk demostrat mid-decisjoni **John Cachia vs Magistrat Fortunato Mizzi** - Appell Civili deciz nhar s-sittax (16) ta' Frar 1962. B'dankollu, l-interess tutelat fl-Artikolu 2 tal-Kap 69 jibqa dak li r-residenza trid tkun dik ordinarja ta' min jinvoka l-protezzjoni tal-ligi purche wkoll ikun joqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu.' Ir-residenza ordinarja ma jaghmluhiex il-mobbli jew effetti ohra personali li wiehed ikollu jew ihalli fil-post u lanqas li ai fini tar-Registru Elettorali jkun registrat fuq dak il-post. Dan ghaliex kif inghad fid-decisjoni **Ines Calleja et vs Nazzareno Ellul** Appell datat disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 1996 '*Ir-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista tkun korroborattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva.*'

Kif inghad fis-sentenza **Carmelo Debono vs Vincenza Zahra** Appell, Sede Inferjuri datat ghoxrin (20) t'April 1963:

'*Hu ovvju li dak illi l-ligi riedet tfisser hu li hi ma kellhiex fi hsiebha membru tal-familja li ma jkunx joqghod f'dak il fond, imma kienet qed tivvizwalizza wiehed li jkun joqghod fih, u mhux band'ohra, u il-ligi qablet li dan il-membru ghandu jkun joqghod mal-kerrej w attwalment fil-fond de quo. Fi kliem iehor, il-konvivenza mal-kerrej giet imsemmija mill-ligi mhux ut sic imma biex tirrendi l-kuncett li l-membru tal-familja jkun qed jippartecipa fil-godiment lokatizju tal-fond*.'

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi qabel xejn jirrizulta mill-atti, li l-konvenut Damien Spiteri telaq minn dan il-fond numru tnejn (2) 'Nelson Flats', Dingli Circus, Sliema meta zzewweg u cioe f'Dicembru 2003 u mar jirrisjedi god-dar matrimonjali Fleur de Lys w ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tordna l-izgumbrament tieghu, stante dak ammess minnu stess u lanqas m'ghandha takkolji l-ispejjes tal-kawza lilu, ghaliex l-kawza giet intavolata fil-konfront tieghu wara li kien effettivament telaq mil-post.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tifli l-atti u tara x'inhuma l-provi li ressqu l-atturi fil-konfront tal-konvenut l-iehor Matthew Spiteri.

Matthew Spiteri xehed u spjega li huwa ghex fil-fond numru tnejn (2) 'Nelson Flats' tul hajtu kollha. Spjega li trabba man-nanniet li kienu l-inkwilini rikonoxxuti tas-sidien, u dan ghaliex ommu li kienet tghix fl-appartament ta' fuq numru sitta (6) kienet tahdem hafna sabiex tipprovdi ghall-ghejxien tieghu u ta' hutu, peress li missieru kien abbanduha meta kienu ghadhom zghar.

Spjega kif kellu l-effetti tieghu personali kollha hemm u li nanntu kienet tiehdu fuq l-i*stage* sabiex jaqbad il-*bus* ghall-iskola. Qal li wara li kiber u nanntu mardet u spiccat *bed ridden*, huwa kien beda jiehu hsiebha il-hin kollu, stante li ma jahdimx. Jghid li fil-fatt kien il-*carer* principali taghha. Qal li huwa kien jorqod fl-istess kamra man-nanna u ħuħ Damien kien jorqod man-nannu, ghaliex in-nanniet tieghu ma kienux jorqdu fl-istess kamra tas-sodda.

Damien Spiteri jikkonerma dak kollu li qal ħuħ Matthew u jghid li fil-*flat* numru sitta (6) kienu imorru jew ghal xi lezzjoni tal-pjanu jew sabiex izuru lil ommhom, ghalkemm ommhom ma tantx kienet tkun *available* ghaliex jew tghallem barra fl-

iskejjel u id-dar tghallem il-pjanu u sahansitra anke sad-disgha ta' bil-lejl.

Faye Spiteri, omm Matthew ukoll tghid li l-genituri taghha rabbewla it-tlett subien taghha fil-*flat* taghhom numru tnejn (2) ghaliex hija kienet imhabbta hafna bix-xoghol. Qalet li kienet taghti hafna privatijiet u li ftit kellha hin ghalihom.
Il-konvenuti ressqu wkoll lit-tabib kuranti tal-familja u cioe lil Dr. Cecil Pace u dan ikkonferma li huwa kien imur jara lin-nanniet tal-konvenuti spiss, specjalment lejn l-ahhar snin ta' hajjit in-nanna, meta kienet *bed ridden*. Qal li huwa kien dejjem jara lill-konvenuti hemmhekk fil-fond, anke meta kien imur fil-hinijiet ta' bil-lejl.

Fr. Mario Enriquez, habib tal-familja wkoll ighid li meta kien imur jara lin-nanniet tal-konvenuti, kien jara lill-konvenuti hemmhekk, jiehdu hsieb in-nanniet. Qal li sa fejn jaf hu, huma kienu jghixu maghhom. Qal li kien imur ghall-gharrieda ta' sikwt u mhux dejjem fl-istess jum jew hin, izda kkonferma li huma dejjem hemm kien isibhom.

Ressqu wkoll lir-rapprezentant tal-Water Serices Corporation, Joseph Caruana jikkonferma li fuq il-fond numru tnejn (2) 'Nelson Flats' kien hemm talba ghas-sussidju f'isem Matthew Spiteri u dan b'effett mill-ewwel (l) ta' Mejju 1996 (qabel ma mietet in-nanna). Jinghad ukoll skond dan ix-xhud, li l-fond numru tnejn (2) kellu konsum regolari.

Il-konvenut esebixxa wkoll numru ta' dokumenti sabiex jipprova li huwa kien ilu zmien ighix f'dan il-fond in desamina u cioe Income Tax returns mis-sena 1998 *year of assessment* 1999, meta in-nanna kienet ghadha hajja sas-sena 1995 u minn ezami ta' dawk id-dokumenti, jirrizulta li l-konvenut Matthew Spiteri, huwa ghazeb, ma jahdimx, m'ghandux introjtu u li jghix fil-fond numru tnejn (2), 'Nelson Flats', kopji tar-Registru Elettorali

(Dok. B a fol. 68) t'April 1989 meta n-nanna kienet ghadha hajja, li jindikaw li Matthew Spiteri kien ighix fi *flat* numru tnejn (2).

Minn naha l-ohra l-atturi ressqu lil Albert Laferla jghid li kien jara lil Faye Spiteri tmur izzur lil ommha u tohdilha l-ikel. Qal li lill-konvenut Matthew Spiteri jafu jghix ma ommu fi *flat* numru sitta (6), ghalkemm fl-istess nifs jghid li ma kienx ikun hemm biex jara min hu tiela u min hu niezel fil-*flats*. Christopher Simpson jghid li *flat* numru tnejn (2) kienet skola fejn jitghallem il-pjanu ghaliex kien hemm tabella mal-bieb li tghid hekk w in oltre ghaliex kien jisma n-noti tal-pjani l-hin kollu. Jghid ukoll li lil Matthew Sptieri qatt ma rah diehel jew hiereg mill-bieb ta' *flat* numru tnejn (2). Mistoqsi la joqghod ma gemb il-*flat* bin-numru tnejn (2), jekk il-*flat* numru tnejn (2) kienx ikollu posta, x-xhud wiegeb li ma jafx.

Illi ghalkemm ix-xhud Albert Laferla isemmi minn huma l-inkwilini l-ohra tal-blokk appartamenti, l-atturi ma ressqu lil hadd minnhom sabiex jippruvaw jikkonfermaw it-tezi taghhom.

Illi mis-suespost jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut Matthew Spiteri verament kien ighix man-nanniet tieghu fil-*flat* numru tnejn (2) u sussegwentement man-nanna meta mietet fis-sena 1999 u dan zgur ghal perjodu ta' aktar minn sena qabel mewtha.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut Matthew Spiteri fis-sens li tiddikjara li verament huwa ghandu dritt jirrisjedi fil-*flat* mertu tal-kawza u cioe dak bin-numru tnejn (2) f'Nelson Flats, Dingli Circus, Sliema, u dan ghaliex huwa wiret il-kirja minghand nanntu 'n linea ma dak li jiddisponi l-Kap 69 u tiddikjara ulterjorment, anke in vista ta' dak li ntqal aktar 'l fuq, li tichad it-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti.

> L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-atturi."

Tnejn huma l-aggravji li l-atturi jadducu bl-appell taghhom kontra d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti, u cjoe:-

(1) Di fronte ghall-konvenut Damien Spiteri huma ma kellhomx jigu akkollati bl-ispejjez tal-kawza, principalment ghaliex huma ma setghux ikunu jafu li dan irrinunzja ghad-drittijiet ta' inkwilinat fuq il-fond;

(2) Fil-mertu, l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju valutativ errat tal-provi fil-qafas tal-portata guridika tal-tifsira ta' "kerrej" fl-Artikolu 2 (6) tal-Kapitolu 69. Huma jikkontendu wkoll illi gew pregudikati meta dik il-Qorti ghabbiet l-oneru tal-provi fuqhom;

Il-Qorti tara li jkun opportun illi l-ewwelnett tinvestiga t-tieni motiv ta' aggravju, anke ghaliex jiddependi mill-ezitu ta' din l-investigazzjoni l-konsiderazzjoni li trid issir fir-rigward ta' l-ewwel motiv riferibilment ghall-kap ta' l-ispejjez;

Il-kwestjoni centrali involuta fit-tieni aggravju tirrigwarda d-definizzjoni ta' "<u>kerrej</u>" taht l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 fil-kaz ta' "<u>dar ta' abitazzjoni</u>". Skond dan l-artikolu jitqies protett taht l-Ordinanza, "meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, <u>dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqoghdu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu</u>";

Il-gurisprudenza turi t-triq min ghandu jikkwalifika bhala "<u>membru tal-familja tal-kerrej</u>" u mill-interpretazzjoni li rrestringiet din l-espressjoni ghall-konsangwineji ghaddiet ghall-interpretazzjoni aktar wiesgha inkorporanti anke persuni li, ghalkemm mhux konsangwineji, ikunu trabbew jew gew adottati mill-kerrej. Ara ad ezempju "**Vincent Zammit -vs- Vincent Kerr**", Appell Inferjuri, 11 ta' Marzu, 1966 u "**Joseph Caruana -vs- Salvatore Pulis**", Appell Inferjuri, 3 ta' Dicembru, 1975. Wisq naturalment, "id-

dixxendent li jkun jabita esklussivament fid-dar ta' axxendenti tieghu li jkun l-inkwilin tad-dar, ghandu jitqies bhala membru tal-familja ta' dak l-axxendent, u ghaldaqstant meta dan jigi nieqes, dak id-dixxendent isir kerrej minfloku, u jakkwista titolu validu ta' lokazzjoni fuq il-post fil-kwestjoni, bid-dritt li jgedded il-kiri mal-gheluq tat-terminu tal-lokazzjoni" ("**Carmelo Aquilina -vs- Joseph Callus**", Appell Superjuri, 24 ta' April, 1961. Ara wkoll "**Giuseppe Mangion *et* -vs- Gio Maria *sive* Jimmy Galea**", Appell Inferjuri, 6 ta' Gunju, 1973). Ma jidherx li huwa kkontestat illi l-appellat Matthew Spiteri jikkwalifika bhala membru tal-familja tan-nanniet materni tieghu;

Il-veru kuntrast jirrigwarda t-tieni parti tad-definizzjoni, ossija jekk l-imsemmi konvenut appellat kienx joqghod ukoll man-nanna tieghu fiz-zmien tal-mewt ta' din. Anke hawn il-gurisprudenza l-aktar akkreditata hi illustrattiva tal-fehma illi biex membru tal-familja jitlob b'success il-protezzjoni tal-ligi specjali, "ir-residenza tieghu mat-*tenant* ma tridx tkun kazwali jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita ahjar, jew ta' semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta' kambjament ta' ambjent, li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghal bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita`" ("**Dr. John Agius MD -vs- Marlene Copperstone *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju, 1966);

Ghall-ewwel Qorti r-residenza tal-konvenut Matthew Spiteri ma' nanntu kienet wahda regolari u mhux tax-xorta issuggerita fl-estratt appena riportat. Hi indikat il-fonti probatorju li minnu origina dan l-konvinciment taghha. Dan ghamlitu b'referenza ghall-provi testimonjali u dokumentali in atti biex minnhom tillustra s-serje ta' cirkostanzi, specifikament indikati, li kienu, fil-fehma taghha, jaghtu affidament lill-versjoni tal-konvenut imsemmi. F'dan, kif ikkonstatat anke minn din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel istanza kellha l-konfort, u sabet korroborazzjoni, minn diversi xhieda li ddeponew, kif ahjar

senjalati fl-esposizzjoni mill-ewwel Qorti ta’ l-izvolgiment tal-process u dawk tal-motivi ta’ fatt, koncizament, imma wkoll sufficjentement, rijassunti fis-sentenza appellata. Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirreplikahom anke hawn;

L-appellanti jiddenuncjaw illi kuntrarjament ghal dak asserit mill-Qorti inferjuri fuq il-valutazzjoni taghha, il-provi ma kienux isostnu t-tezi ta’ l-appellati u li, anzi, ghal kuntrarju, ma kienux jezistu elementi probatorji idoneji li jissufragaw il-konkluzjoni raggunta. Din il-Qorti taqbel mar-ragonament minnhom sottomess in meritu ghall-piz tal-provi f’kazijiet ta’ din ix-xorta, anke ghaliex fuq din il-materja l-Qorti gja esprimiet ruhha fis-sentenza taghha tat-28 ta’ April, 2004 in re: “**Joseph Pace -vs- Salvatore Attard *et***”. Ma’ taqbelx, pero`, mar-ragonament l-iehor taghhom hawn fuq espost. Fil-kumpless, ir-rizultanzi istruttorji jaghmlu l-versjoni ta’ l-appellati bhala wahda possibbli u verosimili, anke ghaliex, fl-opinjoni tal-Qorti, jissussistu elementi cari ta’ prova li jiggustifikaw anke l-konvinciment taghha fuq l-allegazzjoni ta’ fatt illi l-appellat Matthew Spiteri kien tabilhaqq jirrisjedi ma’ nanntu fil-mument tal-mewt taghha. Is-sottomissjoni ta’ l-appellanti illi dan l-appellat, ankorke kien jiehu hsieb nanntu, ma jaghmlux ukoll residenti maghha, ghalkemm valida, mhix sorretta adegwatament u konkludentement mill-provi. L-invers hu pjuttost il-kaz, anke mill-ezami u l-evalwazzjoni li ghamlet din il-Qorti tal-materjal probatorju komplessiv. Fil-verita`, ikollu jinghad, illi din il-Qorti ma ssibx li tressqu mill-appellanti argomenti daqstant perswasivi li jdghajfu l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti jew li jinnewtralizzaw il-parti razzjonali tas-sentenza. L-aggravju fil-meritu qieghed, konsegwentement, jigi ritenut infondat;

Fil-kaz ta’ l-ewwel motiv ta’ aggravju jrid jinghad, qabel xejn, illi hi regola generali skond l-Artkolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 illi f’materja ta’ procedimenti civili l-ispejjez gudizzjarji jigu addossati fuq il-parti telliefa. Is-sokkombenza hi riferibbli ghall-kawza fl-insjem taghha u, logikament, skond l-ezitu finali tal-kontroversja litigata.

Minn naha l-ohra hi totalment vincenti dik il-parti li fil-konfront taghha d-domanda avversarja tigi respinta. Fil-hsieb ta’ din il-Qorti l-appellanti ma humiex gustifikati fil-pretensjoni taghhom ta’ deroga minn din ir-regola, lanqas ghal dik ir-raguni ventilata minnhom, in kwantu ghas-sokkombenza taghhom fil-gudizzju fuq il-punt fokali tal-litigju ma kienx mistenni li l-ewwel Qorti taghmel temperament tal-kap ta’ l-ispejjez. Anke dan l-aggravju qieghed allura jigi michud.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------